IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

## Laqgħa Numru 24 Kontinwazzjoni

18 ta` Novembru 2016

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Lawrene Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur John Boxall – Sindku

ASSENTI
Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## 24.2 Korrispondenza

24.2.1 Full Development Permission ghall-applikazzjoni tal-installazzjoni tal-paneli fuq il-bejt tal-Berga tal-Ingliterra.

L-permess ghal din l-applikazzjoni tal-installazzjoni tal-paneli fuq il-bejt tal-Berga taL-Ingliterra huwa validu ghall-hames snin.

24.2.2 Fondi li gew mghotija lill-Kunsill Lokali tal-Birgu dwar il-progett L.U.N.F.

Fuq l-ittri li rcivejna minghand il-lead partner tal-progett, il-Kunsill Lokali tal-Birgu gie mgharraf li l-Kunsill ghandu ghad-dispozizzjoni tieghu s-somma ta` 4604Ewro sabiex ihallas dawk l-ispejjez li saru mill-istess Kunsill meta saret il-konferenza gewwa Malta f`Ottubru li ghada. Is-Sur Attard spjega kif l-Kunsill tal-Birgu, tal-Isla u tal-Mtarfa qasmu bejniethom il-flus li kellhom allokati l-Kunsill ta` Bormla, peress li dawn hargu mill-progett.

24.2.3 Laqgha li saret ma` rapprezentant tal-LESA dwar ic-citazzjoni li nghataw waqt l-Attivita tal-Birgufest 2016

Wara laqgha li saret ma` rapprezentant tal-LESA dwar ic-citazzjoni li nghataw waqt l-Attivita tal-Birgufest 2016 li ghaliha kienu prezenti s-Sindku, s-Sur John Boxall u l-kunsillier is-Sur Lawrence Attard, wara diskussjoni fuq il-problema tal-wardens u citazzjonijiet li nghataw waqt l-attivita tal-Birgufest 2016, gie deciz li l-Kunsill jwaqqaf il-protest. Is-Sur Attard spjega dak li ntqal waqt il-laghqa li saret. Is-Sur Gellel sahhaq li min ipparkja hazin ma jistax jigi ggustifikat u tinhafirlu citazzjoni.

24.2.4 Zjara mis-Sur Edgar Preca

Il-Kunisll sar jaf bi zjara li saret mis-Sur Edgar Preca, r-Ragel tal-President tar-Repubblika ta` Malta fl-iskola primarja tal-Birgu, fejn sfortunatament l-istess l-Kunsill ma giex infurmat dwar din iz-zjara. Ghal dan il-Kunsill bghat ittra lil Kap tal-Iskola, fejn il-Kunsill wera dizappunt tieghu li ghal xi haga bhal din ma giex mgharraf. Il-Kunsill ma rcieva l-ebda korrispondenza lura dwar dan.

24.2.5 Appell Nru: 00288/16 ghall-PA/00446/16

Notifika fejn infurmat il-Kunsill Lokali tal-Birgu li l-appell dwar PA/00446/16 (munument ta` La Vallette) wasal ghand it-Tribunal ta` Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar nhar id-19 ta` Ottubru 2016.

24.2.6 Installazzjoni tal-Bicycle Racks fil-lokalita tal-Birgu

Il-Kunsill ircieva korrispondenza minghand resident fejn wera xewqa li jigu nstallati bicycle racks fil-lokalita tal-Birgu. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament u decieda li ghandhom jintalbu kwotazzjonijiet sabiex ikunu jisghtu jigu nstallati.

24.2.7 Gemellagg mall-Kunsill tal-belt ta` Maruggio.

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu wera l-interess tieghu ghal gemellagg mal-Belt ta` Maruggio wara li rcieva korrispondenza mill-Assoccjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

24.2.8 Kwotazzjoni dwar kalamiti tal-Birgu

Mibughta kwotazzjoni dwar kalamiti tal-Birgu mpingija mill-artist Alessandro Valenti. Kwotazzjoni tammonta ghal 650Euros inkluz il-VAT ghall 500 bicca. Is-Sur Gellel esprima l-opinjoni tieghu dwar dawn il-kalamiti fejn qal li ghandhom isiru 250 bicca bl-emblema tal-Kunsill u 250 bicca ohra b`xi xenajru tal-Birgu. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

24.2.9 Dawl sabiex jintuza ghall-pittura li ser titwahhal fil-binja tal-Kunsill.

Mibughta ittra lill-artist Cano sabiex ninghataw id-dettalji u specifications ta` dawl li jrid jinxtara ghall-pittura li ser tigi mwahhla fis-sala tal-Kunsill fil-Berga ta` Franza. Din il-pittura ser tinghata b`donazzjoni mill-aritist Spanjol Jose Maria Cano.

24.2.10 Party tal-Milied ghat-tfal 2016

Murija lil dawk prezenti il-poster tal-Party tal-Milied ghat-Tfal 2016, liema party ser ssir nhar il-Gimgha 16 ta Dicembru 2016. Tqassmet ukoll mailshot lir-residenti kollha tal-Birgu.

24.2.11 Triq il-Kunvent – Rikjesta minghand resident

Mibughta korrispondenza minghand resident li joghqod fi Triq il-Kunvent, fejn talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex taghmel stands ghall-qsari. Wara li din il-korrispondenza flimkien mar-ritratti gew murija lil dawk prezenti, gie deciz li tintbghat artistic impression ta` x`tixtieq taghmel sabiex il-Kunsill ikun jista` japprova.

24.2.12 Progett tar-Regatta tal-Birgu

Il-progett tal-mahzen tar-Regatta tal-Birgu u l-progett tal-latrina ta` Toqba gie approvat. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu bghat korrispondenza lill-Onorevoli Joe Mizzi sabiex issir laqgha mieghu f`data u hin konvenjenti ghalih sabiex jinbdew ix-xoghlijiet mehtiega. Din il-laqgha ser ssir nhar il-Hamis 24 ta` Novembru 2016.

24.2.13 Interreg Italia –Malta

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu wera interess biex jippartecipa fil-progett ta` Interreg Italia- Malta dwar kultura u patrimonju tal-lokalita.

24.2.14 Cirkulari Numru 36/2016 – Templates tal-Agenda u l-Minuti.

Mibughta Cirkulari Numru 36/2016, dwar templates tal-Agenda u l-Minuti sabiex jibdew jintuzaw minnufih .

24.2.15 Progett tal-Glaziz fil-lokalita tal-Birgu

Saret laqgha li mall-Ministru ta` Dr.Helena Dalli flimkien mas-Sur Brian Farrugia u zewg rapprezentanti ohra minn naha tas-Sur Silvio Parnis. Il-perit ta` dan il-progett huwa Dr. Claude Busuttil. Ghal dan il-progett hemm fondi tal-Unjoni Ewropeja u appart minn hekk huwa mahsub li jkun hemm ground tal-football 5 a side, wlaking area u open air gym.

24.2.16 Periklu fi Triq il-Kwartier

Mibughta ittra lid-Direttur tar-Restoration Unit, s-Sur Norbert Gatt dwar il-periklu li tinsab fiha Triq il-Kwartier minhabba l-pavimentar li sar fiz-zona tal-Collachio, specjalment meta taghmel ix-xita. Wara diskussjoni li saret, is-Sur Gellel propona li din it-triq ghandha ssir bhala ma saret Triq il-Vittmi tal-Polvrista sabiex ma jibqax aktar dan l-inkonvenjent. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

24.2.17 Career Day fil-Kunsill Lokali tal-Birgu

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ircieva korrispondenza minghand Y Ltd sabiex titella` Career Day fil-Kunsill Lokali tal-Birgu. L-ispejjez li ghandhu l-Kunsill huwa distribuzzjoni tal-leaflets, fejn f`dan il-kaz il-Kunsill jista` jqassam dawn il-leaflets bil-helpers. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

24.2.18 Hsarat fi Triq Sally Porte.

Mibughta ittra flimkien ma` ritratti lis-Supretendent Azzpardi dwar il-hsarat li hemm fi Triq Sally Port kawza tal-maltemp li ghamel. Dwar dan intbaghtet ukoll korrispondenza lill-Onorevoli Joe Mizzi sabiex jintbaghtu minnufih haddiema biex jirrangaw il-hsarat ta` emergenza li gew kkawzati.

24.2.19 Cirkulari 35/2016 – Inizjattiva Finanzjarja – Stonger Communities: Literacy Projects at Local Level

Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali qieghed iniedi Inizjattiva Finanzjarja ohra bil-ghan li l-Kunsilli Lokali jwettqu progetti socjali li bihom insahhu l-komunitaijiet. Gie deciz li kull min ikollhu ideja jibaghta lill-Kunsill Lokali tal-Birgu.

24.2.20 Kwotazzjoni dwar il-cameras fil-pjazza

Mibughta email sabiex jintalbu l-kwotazzjonijiet ghall-cameras fil-pjazza. Sa llum il-Kunsill ircieva kwotazzjoni wahda. Il-Kunsill idecieda li sa` laqgha li jmiss jingibu zewg kwotazzjonijiet ohra.

24.2.21 Invit ghal Presidency of the Council of the Euoropean Union.

Dan is-seminar ser ssir nhar is-Sibt 19 ta` Novembru 2016 fl-ghaxra ta` filghodu fl-iskola Primarja ta` Hal Luqa.

24.2.22 UIF Funds

Urban Improvement Fund (UIF) jammonta ghall 31,330.59.

24.2.23 Invit ghall-partecipazzjoni tal-UNESCO Conferene on Euro-Arab Dialogue.

Mibught invit lis-Sindku ghall-konferenza tal-UNESCO li ser ssir bejn 9 u 10 ta’ Dicembru gewwa UNESCO Headquarters f’Parigi.

24.2.24 Sinjali tal-Pakeggi fi Triq il-Kardinal u Desain

Mibughta diversi korrispondenzi lil Perit David Vassallo dwar ix-xoghlijiet pendenti ta` sinjali u tabelli fi Triq il-Kardinal u Desain. Is-Sur Gellel qal li sa issa ghadu ma sar xejn u zied jghid li hemm bzonn issiru sleeping policeman. Is-Sur Gellel talab biex il-Kunsill jicekja jekk hemmx sleeping policeman l-garazz sabiex b'hekk nitlobu lis-Sur Silvio Scerri biex japprova u jinghatalna permess sabiex tigi nstallata l-sleeping policeman.

24.2.25 Il-kont ta` dawl relatat ma` street lighting

Giet moqrija ittra li ntbaghet lis-Sur Norbert Gatt, Direttur ta' Restoration Unit fejn il-Kunsill kiteb li ftit zmien ilhu kien gie mifthiem li l-Kunsill jinghata lilu flus zejda fl-allokazzjoni sabiex ikun jista jhallas l-ispejjez tal-street lighting. Il-Kunsill wara din it-talba gie nfurmat mill-Engineer tal-Enemalta s-Sur Brian Micallef sabiex tinbghat korrispondenza lill-Arms biex il-kont jigi trasferit fuq il-Gvern Centrali u mhux jibqa fuq il-Kunsill.

24.2.26 Premju Zaghzugh tas-Sena 2016

Giet innominata zaghzugha Sarah Magro li qed tistudja ghan-Nurse gewwa l-Universita ta` Malta u li fil-passat ghamlet xoghol volontarju fl-Etopja. Din l-applikazzjoni giet sottomessa fil-11 ta' Novembru 2016, fid-data tal-gheluq.

24.2.27 Stedina lill-Eccellenza President ta` Malta ghall inawgurazzjoni tal-pittura tal-artist Jose Maria Cano

Mibughta stedina lill-Eccellenza Taghha President ta` Malta ghall-inawgurazzjoni tal-pittura tal-artist Jose Maria Cano nhar il-Gimgha 20 ta` Jannar 2016 fis-sebgha ta` filghaxija fis-sala ta' fuq fil-Berga ta'Franza.

24.2.28 Petizzjoni dwar l-istat ta` abandun ta` Triq l-Antika.

Mibughta ittra lill-Onorevoli Dr.Owen Bonnici dwar l-istat ta` abandun ta` Triq l-Antika u toroq tal-madwar li kellhom issiru xoghlijiet fihom bhala parti mill-progett tal-area tal-Collachio, fejn il-Kunsill jixtieq ikun jaf meta ser jibdew dawn ix-xoghlijiet.

24.2.29 Petizzjoni dwar l-istat ta` abandun ta` Triq l-Antika.

Mibughta ittra lill-Onorevoli Dr.Owen Bonnici dwar l-istat ta` abandun ta` Triq l-Antika u toroq tal-madwar fejn kien mwieghed li jsiru xoghlijiet bhal ma saru fit-toroq l-ohra li jaghmlu parti mill-progett tal-area tal-Collachio. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu jixtieq ikun jaf meta ser jibdew dawn ix-xoghlijiet f'din l-imsemmija triq u toroq tal-madwar. Is-Sur Gellel propona li din l-istess korrispondenza ghandha tintbghat lis-Segretarju Parlamantari Dr. Stefan Buontempo peress li jaqa' taht il-Minsiteru tal-istess Dr. Owen Bonnici.

24.2.30 L-applikazzjoni tal-Playingfield (PA/04415/16)

Is-Sottomissjonijiet huma mitluba li jaslu Planning Auhtority sa' 27 ta' Novembru 2016 u l-applikazzjoni ser tigi deciza nhar is-6 ta' Dicembru 2016.

24.2.31 Impjegat gdid mall-Kunsill Lokali tal-Birgu mill-Skema Community Workers Scheme.

Mibughta ittra lic-Chairman tal-ETC, is-Sur Clyde Caruana biex jkun jista' japprova l-ingagg tas-Sur Jonathan Elsworth mall-Kunsill Lokali tal-Birgu minflok is-Sur Mark Spacey li m'ghadhux jahdem mall-Kunsill.

24.2.32 Il-lift fil-Berga tal-Ingliterra

Mibughta ittra lis-Sur Johnny Zerafa mill-Segretarjat tal-Onorevoli Dr. Justyne Caruana fejn il-Kunsill infurmah li m'hemmx fondi bizzejjed biex issir dan il-lift u biex anke jitbattal il-bir. Il-Kunsill propona li fil-laqgha li jmiss jigi pprezentat il-permess tal-lift.

24.2.33 Ittra ta' Rezenja mis-Sinjorina Mireille Tanti.

Il-Kunsil Lokali tal-Birgu rcieva ittra ta' rezenja mis-Sinjorina Mireille Tanti, fejn kienet impjegata mall-istess Kunsill bhala part time clerk ghal dawn l-ahhar sena u disa' xhur. Is-Sinjorina Tanti fl-ittra taghha qalet li kellha tieqaf mix-xoghol minhabba ragunijiet varji, l-aktar dawk personali. Is-Sinjorina Tanti ghandha hmistax notice u talbet sabiex jintaqssulha mill-leave vakant li fadlilha. L-ittra ta' rezenja waslet il-Kunsill nhar it-Tnejn 14 ta' Novembru, 2016.

24.2.34 Spejjez tal-Berga tas-Sahha fil-Berga tal-Ingliterra

Gew mibughta l-ispejjez relatati mal-Berga ta' sahha fil-Berga tal-Ingliterra, fejn saru diversi xoghlijiet ta' kostruzzjoni u manutenzjonijiet sabiex skond il-ftehim li sar, il-Kunsill jinghata lura l-flus tal-ispejjez li jkun ghamel. L-ammont li gie mghoddi lill-Primary Health Care huwa ta' 10,123.87 Ewro.

## 24.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

24.3.1 Il-laqgħa intemmet fis-sitta u nofs ta` filghaxija (6:30pm)u ġiet aġġornata ghat-Tlieta 6 ta’ Dicembru 2016 fil-hamsa ta’ filghaxija.

Konfermati, illum 13 ta` Jannar 2017

IFFIRMATA

John Boxall
Sindku

IFFIRMATA

Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv